**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Hamis 4 ta' Mejju , 2023**

**Kawza Numru: 21**

**Rikors Guramentat Numru:- JVC 775/2022**

**Jael Ertugrul sive Martina Jay Borghese Jones**
**(Passaport Brittaniku Nru: 527280767)**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Jael Ertugrul sive Martina Jay Borghese Jones kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

'Illi l-attrici, bint Ahmet Ertugrul u Teresa Nuala nee' Borg, twieldet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija u sebgha u disghin (1997) gewwa l-isptar Saint James li jinsab 65, Saint James Square, Haz-Zabbar;

Illi fuq ic-certifikat tat-twelid taghha (kopja annessa u mmarkata bhala 'Dok.A')' l-attrici nghatat l-isem 'Jael Ummugulsum' u l-isem 'Jael' bhala l-isem li ghandha tkun imsejjha bih;

Illi inoltre hija awtomatikament inghatat kunjom missierha u cioe' dak ta' 'Ertugrul';

Illi fis-sena 2002 meta l-attrici kienet ghadha ta' eta zghira hafna, hija emigrat flimkien ma ommha lejn l-Ingilterra fejn qattghet it-tfulija u z-zghozija taghha kollha;

Illi kif juru diversi certifikati mahruga minn istituzzjonijiet edukattivi fir-Renju Unit, (kopji annessi u mmarkati 'Dok. B1' sa Dok B7'), l-attrici ikkompletat l-edukazzjoni taghha mill-primarja fis-sena 2002, f'istituzzjonijiet fir-Renju Unit fejn kienet dejjem maghrufha bl-isem 'Martina Jay Borghese Jones';

Illi fl-istess Renju Unit, l-attrici kienet impjegata u hallset it-taxxi kif jista' jirrizulta fid-dokument anness u esebit u mmarkat' Dok.C';

Illi minn meta' bdiet tattendi l-iskola primarja sal-lum l-attrici dejjem uzat u kienet maghrufa bl-isem u kunjom 'Martina Jay Borghese Jones' minflok dak ta' 'Jael Ummugulsum Ertugrul';

Illi wara li kienet ghomorha kollhu maghrufa bhala 'Martina Jay Borghese Jones', fis-sitta (6) ta' jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) hija formalment irrinunzjat u abbandunat kompletament 'Jael Ertugrul' u minfloku addottat ufficjalment l-isem u l-kunjom 'Martina Jay Borghese Jones' permezz ta' *statutory decleration* ai termini tal-*iStatutory Decle\arations Act*(1835) tar-Renju Unit (kopja annessa u immarkata bhala 'Dok D');

Illi matul hajjitha kollha l-attrici qatt ma uzat l-isem u l-kunjom ta' 'Jael Ertugrul' u baqghet konsistentement maghrufa bhala 'Martina Jay Borghese Jones' tant hu hekk, illi l-isem 'Martina Jay Borghese Jones' huwa l-isem li hija maghrufa bih fuq dokumenti tat-taxxa, ta' l-assikurazzjoni, tal-licenzja tas-sewqan u fil-passaport Brittaniku mahrug mill-awtoritajiet tar-Renju Unit (kopji m'hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok, E', F' u 'G' rispettivament);

Illi huwa evidenti, illi c-certifikat tat-twelid mahrug mill-awtoritajiet Maltin mhux qieghed jirrifletti r-realta' u qieghed jikkreja konfuzjoni mad-dokumentazzjoni ufficjali mahrug mill-awtoritajiet tar-Renju Unit fejn l-attrici ghexet 'l fuq minn ghoxrin (20) sena;

Illi ghalhekk l-attrici tixtieq tirregola l-pozizzjoni taghha, u li jsiru l-korrezzjonijiet relattivi u mehtiega fic-certifikat tat-twelid taghha bin-numru erba' mija u sitta u disghin (496) tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) sabiex dan jirrifletti r-realta' tal-fatti.

GHALDAQSTANT ir-rikorrenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i. Tiddikjara illi l-ismijiet tal-attrici fil-kolonna 'Ismijiet moghtija' fl-att tat-twelid, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru erba' mija sitta u disghin tas-sena elf disa' mija u seba' u disghin (496/1997) ghandhom ikunu 'Martina Jay Borghese' u mhux 'Jael Ummugulsum';

ii. Tiddikjara illi l-isem tal-attrici fil-kolonna' Isem jew ismijiet kif ghandha tisejjah' fl-att tat-twelid, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru erba' mija sitta u disghin tas-sena elf disa mija u seba' u disghin (496/1997) ghandu jkun 'Martina Jay Borghese' u mhux 'Jael';

iii. Tordna li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid, mahrug mir-registru Pubbliku bin-numru erba' mija sitta u disghin tas-sena elf disa mija u seba' u disghin (496/1997) billi taht il-kolonna 'Ismijiet Moghtija'; il-kliem 'Jael Ummugulsum' jigu sostitwiti bil-kliem 'Martina Jay Borghese';

iv. Tordna li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru erba' mija sitta u disghin tas-sena elf disa mija u seba' u disghin (496/1997) billi taht il-kolonna 'Isem jew ismijiet kif

ghandha tissejjah', l-isem 'Jael' ikun sostitwit bl-isem 'Martina Jay Borghese';

v. Tordna lid-Direttur ghar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel annotazzjoni generali fuq l-Att tat-Twelid bin-numru erba' mija sitta u disghin tas-sena elf disa' mija u seba' u disghin (496/1997) sabiex il-kunjom tar-rikorrenti jkun indikat bhala 'Jones'.

U dan salv kull provvediment iehor u opportun li jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt min issa ghas-subizzjoni.'

Rat ir-Risposta Ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**2.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

**3.** Illi mir-rikors ġuramentat promotur tar-rikorrenti, jirriżulta illi hija twieldet f'Malta fl-24 ta' Jannar tal-1997, u li ingħatat l-ismijiet 'Jael, Ummugulsum', filwaqt li kellha tissejjaħ bl-isem 'Jael'. Jidher pero' li ta' età żgħira hija emigrat lejn l-

Ingilterra flimkien ma' ommha, u li hemmhekk hija bdiet tissejjaħ 'Martina Jones'. Eventwalment, ir-rikorrenti għamlet *deed poll* fis-6 ta' Jannar 2015, u bidlet isimha u kunjomha minn Jael Ertugrul għal Martina Jay Borghese Jones. Tali bidla jidher illi hija riflessa fil-passaport Britanniku tar-rikorrenti, kopja ta' liema ġiet annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata 'Dok. G';

**4.** Illi fir-rigward tad-*deed polls* jew *change of name deeds*, għalkemm dawn m'humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolineat illi l-Qrati tagħna ddeċidew illi sabiex *deed poll/change of name deed* ikun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll/change of name deed* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni;[1]

**5.** Illi l-esponent ma jistax jieħu in konsiderazzjoni d-*deed poll* in kwistjoni sakemm l-istess *deed poll* ma jiġix rikonoxxut minn din l-Onorabbli Qorti, stante illi sabiex jirreġistra atti tal-istat ċivili esteri fir-Reġistru Pubbliku, huwa obbligat li jsegwi l-proċedura kif ikkontemplata fl-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**6.** Illi l-esponent jinnota illi r-rikorrenti, *inter alia*, esebiet mar-rikors promotur kopja tad-*deed poll* in kwistjoni u evidenza biex turi li l-isem użat minnha huwa 'Martina Jones', u dan

---

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2015, **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' April 2019.

naturalment bl-intiża li ssostni t-talbiet kif dedotti minnha. Fid-dawl ta' dan, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi, biss jirrileva illi hemm ċerti ineżattezzi fit-talbiet li għandhom jiġu indirizzati qabel din l-Onorabbli Qorti tgħaddi l-ġudizzju finali tagħha;

**7.** Illi fir-rigward tal-ewwel u tat-tielet talba attriċi, l-esponent jissottometti illi skont id-dokument '*Change of Name Deed*' anness mir-rikorrenti mar-rikors ġuramentat u mmarkat 'Dok. D', u skont il-passaport Brittaniku tagħha, kopja ta' liema wkoll ġiet annessa minnha mar-rikors promotur u mmarkata 'Dok. G', isem ir-rikorrenti huwa 'Martina Jay Borghese' u mhux 'Martina Jay'. Isegwi għalhekk illi tali talbiet għandhom jiġu debitament korretti, inkella 'Borghese' mhux ser ikun rifless bħala wieħed mill-ismijiet tar-rikorrenti f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet kif dedotti;

**8.** Illi t-tieni u r-raba' talba attriċi ukoll jeħtieġ li jiġu korretti, u dan għaliex fl-1997, meta twieldet ir-rikorrent, fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ' ma kienx jigi indikat il-kunjom. In vista ta' dan il-fatt, sabiex l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti jkun jirrifletti l-isem u l-kunjom tagħha kif mibdula fir-Renju Unit, tali kolonna, jekk dejjem din l-Onorabbli Qorti tħoss li t-talbiet huma ġustifikati, għandha tindika biss l-ismijiet 'Martina Jay Borghese'. **Sabiex il-kunjom tar-rikorrenti jiġi indikat bħala 'Jones', ikun hemm bżonn illi d-Direttur intimat jiġi ordnat jagħmel annotazzjoni ġenerali fuq l-Att tat-Twelid innumerat 496/1997 f'dan is-sens, inkella l-kunjom 'Jones' jiġi jifforma parti mill-isem tar-rikorrenti, filwaqt li kunjomha jibqa' indikat bhala 'Ertugrul'**;

**9.** Illi in oltre, jidher li d-dokument taċ-*Change of Name Deed* ma ġiex ippreżentat apostillat, u għalhekk l-esponent huwa tal-umli fehma illi r-rikorrenti għandha tippreżenta tali dokument apostillat, liema *apostille* iservi sabiex tkun ivverifikata l-firma tal-uffiċjal Britanniku li quddiemu saret tali proċedura.  Dan skont il-*Hague Apostille Convention* tat-3 ta' Marzu tal-1968;

**10.** Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**11.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi, li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat illi fil-verbal datat  27  ta' April,  2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 55 tal-proċess.

Rat il-korrezzjonijiet mitluba w'akkordati fir-rikors guramentat.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti rat li rizultat tal-bosta korrezzjonijiet mitluba u akkolti fl-atti l-eccezzjonijiet preliminari u procedurali mqajjma mid-Direttur intimat gew sorvolati, salv ghal zball iehor li sar fit-talba kif korretta fejn is-sena' tal-att tat-twelid tar-rikorrenti bil-kliem giet indikata bhal dik ta' 'disgha u sebghin' meta fil-fatt hija 'seba' u disghin' w'ghalhekk il-Qorti stess qed tordna u taghmel il-korrezzjoni fir-rikors guramentat sabiex is-sena taqra 'seba' u disghin' u b'hekk jigu evitati rikorsi ulterjuri wara l-ghoti tad-decizjoni.

Illi fil-mertu l-Qorti rat il-hafna dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat li tevidenzja li r-rikorrenti f'hajjitha, waqt li kienet residenti fir-Renju Unit, dejjem uzat l-isem Martina Jones. Rat li konsegwentement permezz ta' *deed poll* li kopja tieghu giet esebita a fol. 76 tal-process ir-rikorrenti rrinunzjat ghall-isem 'Jale Ertugrul' u assumiet l-isem 'Martina Jay Borghese' u l-kunjom 'Jones'. Rat li dak dikjarat fid-*deed poll* huwa rifless fil-kopja tal-passaport tar-Renju Unit tar-rikorrenti esebit a fol. 49 tal-process. Il-Qorti ghalhekk ma jibqalha l-ebda dubju dwar l-awtenticita' tal-kopja tad-*deed poll* esebita fl-atti.

Rat ukoll li dak suespost huwa konfermat bil-gurament kemm mir-rikorrenti fl-affidavit taghha a fol. 62 et seq tal-process u wkoll mill-affidavit ta' ommha Teresa Nuala nee' Borg a fol. 64 tal-process.

Illi in vista tas-suespost jirrizulta li f'kaz li din il-Qorti ma tilqax it-talbiet tar-rikorrenti dan ma jkunx fl-ahjar interess kemm tar-rikorrenti nnifisha kif ukoll l-pubbliku in generali ghar-raguni li presentement l-istess persuna hija maghrufa b'ismijiet kompletament differenti f'Malta minn dawk li hija effettivament rikonoxxuta bihom fir-Renju Unit.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis li mill-atti jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Dwar spejjez, stante li huwa ovvju li d-Direttur ma ghandu l-ebda tort fil-mertu tar-rikors odjern, il-Qorti ser tordna li tkun l-istess rikorrenti li taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fl-ewwel lok tichad ir-risposta tad-Direttur intimat sakemm din hija nkompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex:

i. Tilqa' l-ewwel talba kif korretta u tiddikjara illi l-ismijiet tar-rikorrenti fil-kolonna 'Ismijiet moghtija' fl-att tat-twelid, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru erba' mija sitta u disghin tas-sena elf disa' mija u seba' u disghin (496/1997) ghandhom ikunu 'Martina Jay Borghese' u mhux 'Jael Ummugulsum';

ii. Tilqa' t-tieni talba kif korretta u tiddikjara illi l-isem tar-rikorrenti fil-kolonna' Isem jew ismijiet kif ghandha tisejjah' fl-att tat-twelid, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru erba' mija sitta u disghin tas-sena elf disa mija u seba' u disghin (496/1997) ghandu jkun 'Martina Jay Borghese' u mhux 'Jael';

iii. Tilqa' t-tielet talba u tordna li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid, mahrug mir-registru Pubbliku bin-numru erba' mija sitta u disghin tas-sena elf disa mija u seba' u disghin (496/1997) billi taht il-kolonna 'Ismijiet Moghtija'; il-kliem 'Jael Ummugulsum' jigu sostitwiti bil-kliem 'Martina Jay Borghese';

iv. Tordna li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru erba' mija sitta u disghin tas-sena elf disa mija u seba' u disghin (496/1997) billi taht il-kolonna 'Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah', l-isem 'Jael' ikun sostitwit bl-isem 'Martina Jay Borghese';

v. Tordna lid-Direttur ghar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel annotazzjoni generali fuq l-Att tat-Twelid bin-numru erba' mija sitta u disghin tas-sena elf disa' mija u seba' u disghin (496/1997) sabiex il-kunjom tar-rikorrenti jkun indikat bhala 'Jones'.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan fit-termini tal-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**4 ta' Mejju , 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**4 ta' Mejju, 2023**